# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 156/2019: **PAUL ZAHRA (KI. 80453M) V. MICHAEL BUGEJA (KI. 173788M)**

(IT-TEORIJA PREVALENTI FIL-LIGI TAGHNA TAL-AWTONOMIJA TAL-VOLONTA' TAL-PARTIJIET LI JIDHLU GHAL KUNTRATT – IL-PRINCIPJU CONTRA TESTIMONIUM SCRIPTUM, TESTIMONIUM NON SCRIPTUM NON AUFERTUR – L-INTEMPESTIVITA TAL-AZZJONI TAR-RIKORRENT)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**5 ta' Mejju 2025**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Paul Zahra (imsejjaħ "ir-rikorrent") ippreżentat fit-23 ta' Lulju 2019[1] quddiem din il-Qorti li permezz tiegħu talab lil Michael Bugeja (imsejjaħ "l-intimat") sabiex jidher quddiem il-Qorti fid-data appuntata għas-smiegħ u jgħid l-għaliex m'għandux ikun ikkundannat li:

> **"jħallas is-somma ta' €6,200 jew somma verjuri bilanċ parti minn somma akbar, prezz ta' xogħol ta' skavar li sar ġewwa r-Rabat (Malta);**
>
> **Bl-ispejjeż, bl-imgħax mill-preżentata tal-avviż u b'hekk l-intimat jibqa' nġunt għas-subizzjoni."**

wara li rat ir-risposta tal-intimat ppreżentata fit-26 ta' Awwissu 2019[2] li permezz tagħha wieġeb kif ġej:

> **"1. Illi t-talba attriċi fl-ammont kif dedott hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-bilanċ rimanenti mill-ammont ta' ħlas pattwit bejn il-partijiet huwa se mai ta' tlett t'elef, mitejn u tletin Ewro (€3,230);**

[1] Fol 1
[2] Fol 7

**2. Illi madankollu minn tali ammont għandhom jitnaqqsu l-ħsarat u danni kkawżati mill-attur fil-kors tax-xogħolijiet, u dan stante li huwa wettaq l-istess b'mod negliġenti, traskurat u mhux skond is-sengħa u l-arti, tant li l-appalt kellu jitwaqqaf minħabba ħsarat subiti mill-eċċipjent u mill-ġirien terzi;**

**3. Illi l-eċċipjent m'għandu jiġi allokat b'ebda spejjeż stante li huwa qatt ma rrifjuta li jħallas lill-attur dak realment dovut lilu bħala bilanċ tal-ħlas għall-appalt imwettaq, b'dan li din l-azzjoni ġiet intavolata fil-għama u bil-għaġla mingħajr l-interpellazzjoni preventiva meħtieġa;**

**4. Illi għaldaqstant it-talba attriċi għandha tiġi akkolta biss in parte u għandha għall-bqija tiġi miċħuda u respinta, u l-ispejjeż kollha, għar-raġunijiet fuq imfissra, għandhom jiġi akkollati kollha lill-attur;**

**Salv eċċezzjonijiet ulterjuri u b'riżerva għal kull azzjoni spettanti lill-eċċipjent skond il-Liġi."**

wara li rat ir-rapport tal-Perit Tekniku AIC Valerio Schembri maħtur mill-Qorti u semgħet it-tweġibiet tiegħu għad-domandi magħmula lilu in eskussjoni mill-intimat,

wara li rat l-atti kollha proċesswali,

wara li semgħet it-trattazzjoni finali magħmulha bil-fomm fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2025

- għan-nom tar-rikorrent, mill-Avukat Dr. Shaun Zammit,
- għan-nom tal-intimat, mill-Avukat Dr. Timothy Bartolo.

qed tagħti din is-

## Sentenza

### Daħla

1. Mad-daqqa t'għajn[3] il-każ in kwistjoni jitratta prestazzjoni min-naħa tar-rikorrent, ta' liema prestazzjoni r-rikorrent qiegħed jitlob il-ħlas tas-somma ta' €6,200 jew somma verjuri rappreżentanti bilanċ tal-prezz ta' xogħolijiet ta' skavar li sar ġewwa r-Rabat, Malta f'proprjetà li tappartjeni lill-intimat. Ix-xogħol ta' skavar seħħ wara li r-rikorrent kien wettaq xogħol ta' twaqqiegħ tal-istess proprjetà, liema xogħol tħallas tiegħu. L-intimat jinsisti li t-talba tar-rikorrent hija nfondata fil-fatt u fid-dritt għar-raġuni illi l-bilanċ rimanenti hu ta' €3,230, li minn tali ammont għandhom jitnaqqsu l-ħsarat u danni kkawżati mir-rikorret fil-kors tax-xogħolijiet stante li hu wettaq l-istess b'mod negliġenti, traskurat u mhux skont is-sengħa u l-arti, tant li l-

[3] Kif ser jintwera iżjed 'l quddiem però, l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex strettament imsejjsa fuq dan l-appalt.

appalt kellu jitwaqqaf minħabba ħsarat subiti mill-intimat u mill-ġirien terzi. B'mod sussidjarju, l-intimat jgħid illi hu qatt ma rrifjuta li jħallas lir-rikorrent dak realment dovut lilu, u li għalhekk it-talba tar-rikorrent għandha tiġi akkolta biss *in parte* u għandha għall-bqija tiġi miċħuda u respinta bl-ispejjeż kollha akkollati lir-rikorrent.

**Provi miġbura quddiem il-Perit**

2. Fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2019 saret talba mill-avukat tar-rikorrent għall-ħatra ta' perit arkitett. Għal dan il-għan il-Qorti ħatret lill-Perit Daniel Scerri[4] bħala perit tekniku sabiex jisma' x-xhieda kollha f'din il-kawża u sabiex jekk iħoss il-ħtieġa jiffissa aċċess u finalment jippreżenta rapport lil din il-Qorti bil-konklużjonijiet tiegħu fuq it-tieni eċċezzjoni. Sussegwentement fl-14 ta' Diċembru 2020, wara li rrevokat *contrario imperio* d-digriet preċedenti tagħha tan-nomina tal-Perit Scerri, ħatret minfloku lill-AIC Perit Valerio Schembri[5].

3. Mir-relazzjoni tal-Perit jirriżulta li xehdu s-segwenti:

4. Fis-seduta tat-18 ta' Frar 2021 xehed **<u>Paul Zahra</u>**[6] u fost affarijiet oħra qal li l-ewwel li kien jaf kien lil missier l-intimat, Ninu Bugeja. Kien qiegħed jagħmel biċċa xogħol ta' twaqqiegħ fl-akwati ta' Santa Katerina, Rabat, Malta. Din hi l-linja tax-xogħol tiegħu għax jaħdem bħala kuntrattur tal-iskavar u twaqqiegħ, u ilu ċirka ħmistax-il sena jagħmel dax-xogħol. Ninu kien talbu kienx dispost iwaqqgħalu binja fl-akwati ta' Santa Katerina, u sa fejn jaf hu il-post kien ta' Ninu Bugeja stess. Hu kien jiftiehem ma' missier l-intimat, ċioe dan Ninu. Beda jwaqqa' l-bini in kwistjoni u l-affarijiet kienu mexjin tajjeb għax Ninu kien iħallsu kull ħmistax. Il-ftehim kien li jħallsu kull siegħa ossia €35 fis-siegħa bil-VAT b'kollox. Il-prezz kien jinkludi l-inġenji filwaqt li r-rimi tal-materjal kien apparti, liema prezz però huwa ma setax jiftakru matul ix-xhieda tiegħu. Qal li lil Ninu kien qallu li r-rimi kellu jitħallas apparti, però t-traġitt u dak kollu konness kien bis-siegħat. Ix-xogħol ta' twaqqiegħ u ġarr sar f'xahar u Ninu kien ħallsu ta' dan ix-xahar xogħol u tar-rimi. Sussegwentement beda t-tqattiegħ tal-blat bil-€11.75 il-jarda kubu. F'dan ir-rigward esebixxa l-kont tax-xogħol li kien sar bħala Dok. PZ 180201[7]. X'ħin wasal nofs xogħol ġie iben Ninu, l-intimat, u qallu li jrid tnaqqis fir-rata tax-xogħol, u għalhekk ir-rikorrent niżżel il-prezz għal €9 il-jarda. Hu kompla x-xogħol bir-rata l-ġdida. Dakinhar li ftiehem ir-rata l-ġdida kejjel ix-xogħol li għamel bil-€11.75, però ma jiftakarx kienx avża lill-intimat bil-kejl li kien wasal għalih f'dak l-istadju. Spjega li waħdu kien kejjel ix-xogħol u l-intimat ma

[4] Fol 11.
[5] Fol 17.
[6] Fol 88-89.
[7] Fol 90.

kienx preżenti. Ma lestiex ix-xogħol li kien inkarigat li jagħmel għax qallu biex jieqaf, u għalhekk Zahra kejjel tax-xogħol li kien għamel. Tat-tqattiegħ kien għadu ma taħ xejn. Sal-ġurnata tas-seduta taħ 3 ċekkijiet li hu sarrafhom u eżebixxa Dok PZ 180202.[8]

5. Fis-27 ta' April 2021 ġie ppreżentat l-affidavit ta' **Paul Zahra**[9] permezz ta' nota. Dan qal *inter alia* s-segwenti:

   i. Zahra qal li jaħdem fil-kostruzzjoni u li ilu jagħmel dan ix-xogħol għal ċirka 20 sena.

   ii. Missier l-intimat, Ninu Bugeja kien avviċinaħ xi Frar 2016 biex iwaqqgħalu d-dar bl-isem 'Santa Katerina', ir-Rabat fejn kien jgħix dan Ninu, u jagħmillu l-basement.

   iii. Kien miftiehem ma' Ninu illi għat-twaqqiegħ tal-bini jħallsu bil-€35 s-siegħa u għat-tqattigħ tal-blat jitħallas bil-jarda.

   iv. Zahra waqqa' d-dar u jgħid li tat-twaqqiegħ tħallas minn Ninu bla nkwiet. Għalhekk, kif kienu ftiehmu hu u Ninu, beda t-tqattiegħ tal-blat. Kien jieħu lavrant miegħu, li jismu Tony, sabiex ix-xogħol ilestih kemm jista' jkun bla dewmien għax Ninu xtaq li jlesti x-xogħol malajr.

   v. Hu kien iqatta' bl-excavator filwaqt li Tony kien iġorr bit-trakk u jarmi fil-barriera. Jgħid li damu għaddejjin u bejniethom għamlu mill-inqas mitejn vjaġġ.

   vi. Kif wasal f'nofs it-tqattiegħ Ninu kien ġie fuqu u qallu li ser jibda jieħu ħsieb it-tifel, Michael Bugeja (l-intimat), u għalhekk il-ħlasijiet kienu ser jibdew jiġu wkoll mingħand l-intimat. Meta qallu hekk kien preżenti wkoll Michael, l-intimat.

   vii. Dakinhar stess li ltaqgħu, l-intimat kien qallu li, biex ikompli bix-xogħol, Zahra kellu jbaxxi l-prezz – inkella seta' jieqaf. Zahra aċċetta li jbaxxi l-prezz, u infatti fil-kont hemm żewġ prezzjijiet, l-ewwel li kien miftiehem ma' Ninu, u t-tieni li aċċetta li jitħallas bih wara t-talba tal-intimat biex iraħħaslu r-rata.

---

[8] Fol 91.
[9] Fol 21-29.

viii. Sa dakinhar, għat-tqattiegħ tal-blat kien ftiehem ma' Ninu illi jitħallas ta' €11.75 il-jarda però kien għadu ma tħallas xejn għal tali tqattiegħ, u rrefera għall-kont anness bħala Dok. A.[10]

ix. Minkejja li naqqas il-prezz tat-tqattiegħ skont ix-xewqa tal-intimat, ix-xogħol li kien diġà wettaq bil-prezz oriġinali, kif miftiehem ma' Ninu, ma ħallsux tiegħu.

x. Il-ġurnata li l-intimat kien qallu biex ibaxxi l-prezz, Zahra kien kejjel l-ewwel qatgħa ta' blat li kien jammonta għal 589-il jarda skont l-invoice Dok. A. Tali kejl kellu jitħallas tiegħu bir-rata oriġinali miftiehma ma' Ninu.

xi. Wara li rriveda l-prezz u kejjel x-xogħol li kellu jiġi mħallas bir-rata oriġinali ta' €11.75 il-jarda, qablu li l-bqija tat-tqattiegħ tal-blat ser iħallsuh bin-€9 il-jarda.

xii. Għalhekk hu u l-lavrant baqgħu għaddejin bit-tqattiegħ sakemm darba, waqt li l-intimat kien imsiefer, Ninu qallu biex jieqaf. Zahra kien diġà bbukkja l-inġenji, li kellhom ikunu ikbar, sabiex tinqala' r-rampa għax it-tħaffir ta' ġewwa kien diġà lest.

xiii. X'ħin qallu biex jieqaf, Zahra kien ħaseb li kien hemm xi problema mal-MEPA għax diġà kienu waqfuh darb'oħra tal-MEPA. Hu tella' l-inġenji fuq u ma ħalliehomx fuq il-lant tax-xogħol. Dakinhar ħa xi ritratti li juru l-lant tax-xogħol kif ħallieħ. It-twaqqiegħ tal-blat kien tlesta kollu għajr għar-rampa. Il-blat kollu kien ġie mormi l-barriera. Zahra esebixxa ukoll ritratt li ġie mmarkat bħala Dok. B.[11]

xiv. X'ħin Ninu qallu biex jieqaf, Zahra qallu biss biex iħallsu tax-xogħol li kien diġà wettaq.

xv. Ftit żmien wara, Zahra ra kuntrattur ieħor, li sar jaf li jismu Frans Portelli, dieħel fuq il-lant tax-xogħol, u mar ikelmu. Staqsiħ x'inhu jagħmel u Frans qallu li ser ikompli iħaffer hu minfloku. Zahra qallu biex ma jkomplix għax kien għadu ma tħallasx tat-tqattiegħ tal-blat. Frans qallu li skont Ninu kien ħallsu ta' xogħolu.

[10] Fol 24 (esebit ukoll bħala Dok. PZ 180201 a fol 90

[11] Fol 25.

xvi. Kien għalhekk li Frans Portelli ċempel lil Ninu Bugeja quddiem ir-rikorrent u qabbdu miegħu. Ninu wiegħed lil Zahra li kien ser iħallsu l-Avukat tiegħu iżda meta dan staqsih għan-numru tal-mobile tiegħu dan baqa' ma tah xejn minkejja li qallu li ser jibgħatulu.

xvii. Kif ra illi l-intimat kien qiegħed il-ħin kollu msiefer u ma kienx qiegħed iwieġeb, Zahra mar u sab lil Ninu fl-għalqa ġewwa r-Rabat. Meta affrontah biex iħallsu, Ninu qallu li m'għandu x'jaqsam xejn iżjed miegħu u għalhekk Zahra kellu jkellem lill-intimat li kien barra minn Malta.

xviii. Zahra beda jċempel lill-intimat diversi drabi iżda baqa' ma wieġbux u kien għalhekk li bgħatlu ittra bl-avukat, annessa bħala Dok. Ċ.[12]

xix. Darba minnhom kien għaddej viċin il-lant fejn kien ħadem, ra lill-intimat u taħ il-kont flimkien mal-kejl li qatta', iżda l-intimat m'aċċettax il-kejl għax qallu li kien hemm ħafna.

xx. Kif ra li l-intimat ma qabilx mal-kejl tiegħu, Zahra qabbad lil *surveyor*, li jismu John Ellul, u ħareġ l-kont bil-€9 l-jarda u żiedu ma' dik il-parti li kien ġa qatta' bl-€11.75 il-jarda qabel ma nbidel il-prezz bi qbil. Huwa għadda kopja tar-rapport tas-surveyor lill-intimat iżda dan xorta ma qabilx mal-kejl u baqa' ma ħallsux. Dan seħħ f'Lulju 2017. Ir-rapport tas-*surveyor* ġie ppreżentat bħala Dok. D.[13]

xxi. Zahra baqa' jċempel lill-intimat għal flus, iżda dan qallu li għandu jiġbor €100,000 u qabel ma jiġborhom ma kienx ser iħallsu. Id-dar laħqet inbniet u l-intimat u Ninu daħlu jgħixu fiha u Zahra kien għadu ma tħallasx ta' xogħolu. Kull darba li kien jara lill-intimat u Ninu kien jieqaf jgħidlu għal flus, l-intimat kien jibqa' jgħidlu biex jissapporti għax kellu jaqbad €100,000. L-intimat ġieli qal dan id-diskors quddiem Ninu stess.

xxii. Darb'oħra sabu l-għalqa u qallu biex jara x'ser jagħmlu għax kien għadda ħafna żmien. Kien qallu li, biex iħallsu, Zahra kellu jnaqqas il-prezz. Zahra qallu li ser jikkuntentah u waslu għal ftehim li minn €17,000 l-ammont dovut jinżel għal €11,000. Qal li hu talbu bil-ħniena li lest jnaqqaslu basta jiftiehmu u jevitaw il-Qorti u kien għalhekk li aċċetta li jnaqqas l-kont. Dan kien fid-9 ta' Novembru

[12] Fol 26.
[13] Fol 27.

2017. L-intimat intrabat bi ftehim bil-miktub li jħallsu bin-nifs fl-ammont ta' €800 fix-xahar. L-intimat taħ tlett ċekkijiet ta' €800 il-wieħed bil-quddiem. Il-ftehim ġie ppreżentat bħala Dok. E.[14]

xxiii. Għalhekk il-bilanċ dovut huwa fl-ammont ta' €6,200.

xxiv. Peress li kien ingħata tlett (3) ċekkijiet bil-quddiem, Zahra ħalla tlett xhur jgħaddu u mbagħad fir-raba' xahar reġa' beda jċempel lill-intimat sabiex jaħsiblu għal ċekk ieħor iżda dan qatt ma wieġbu u ċekk ieħor baqa' qatt ma rċieva.

xxv. Għalhekk ir-rikorrent ma kien fadallu l-ebda triq oħra ħlief li jidħol il-Qorti biex jiġbor flusu.

xxvi. L-unika darba li ċempel lura l-intimat kien x'ħin irċieva l-karti mill-Qorti meta dan qabad joffendih u jgħajjru talli fetaħlu kawża.

6. Fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2023 xehed ir-rikorrent **Paul Zahra**[15] in kontro-eżami. Fost affarijiet oħra qal li hu konxju li Ninu jiġi missier l-intimat għax jgħix fl-istess triq fejn kien jaħdem hu. Ma qabilx li ċ-ċekkijiet li rċieva għamilhom kollha l-intimat għax kien hemm oħrajn li saru minn Ninu. Qal li fil-bidu kien ħareġ il-kont lil Ninu u li l-kont li ppreżenta fil-kawża ħarġu lill-intimat għar-raġuni li talli waqqa' l-proprjetà kien ħallsu l-intimat. Ninu kien iħallsu fi flus kontanti. Lil Ninu kien taħ irċevuta tal-flus li kien taħ, u rrefera għal Doks. PZ 230301 u PZ 230302[16] li huma l-irċevuti relattivi. Ma qabilx li qabel beda x-xogħol kien hemm kumpanija jisimha Faceworks li ħadmet qablu, u li hu qatta' sular. Qal li kien ġie xi ħadd li ma kienx inkarigat minnu li ħadem bis-sega, u li dan kien qabbdu l-intimat. Ma qabilx ma' dak li ġie ssuġġerit lilu li hu ma kienx imur kuljum u kkonferma li filfatt kien imur kuljum u dan għal madwar tliet xhur. L-intimat kien waqqfu mix-xogħol għax kien hemm problema tal-MEPA u għamlu tliet ġimgħat weqfin. Wara li ġie ssuġġerit lilu li kien qed idum u kien għalhekk li daħal ħaddieħor warajh, ċaħad dan u tenna li waqfu ħabba l-MEPA. L-intimat kien jgħidlu biex jeħles, u ġieli qallu li kien qed idum fix-xogħol però Zahra ma setgħax jgħaġġel iżjed għax ma kellux inġenji kbar. L-ikbar li kellu kienet tat-tmien tunellati. Qal li l-intimat kien jaf x'inġenji għandu u kien rah jaħdem f'sit maġenbu. Ma kienx sar ftehim dwar żmien biex jitlesta x-xogħol. Mitlub

[14] Fol 29.
[15] Fol 187-188.
[16] Fol 189 u 190 rispettivament.

jikkonferma kemm għamel vjaġġi kkonferma li hu indika 200 fl-affidavit tiegħu però fil-ġurnata tas-seduta ma setax jiftakar bl-eżatt. Kellu biss notament relattiv li qatta' ċirka 1750 jarda. Ikkonferma li biex tarmi trid tħallas u dak iż-żmien ma kienx għoli ħafna, però ma jiftakarx kemm kien. L-ispejjeż għar-rimi kien ħallashom ir-rikorrent stess.

7. Fis-seduta tat-8 ta' Ġunju 2021 xehed l-intimat **Michael Bugeja**[17] in subizzjoni. Dan qal *inter alia* li lir-rikorrent ilu jafu, u li kellu jwaqqa' s-soqfa u l-ħitan interni però l-faċċata u l-ġnub kellu jħallihom hemm. Spjega li l-proprjetà fiha tliet faċċati u ħajt diviżorju ieħor ma' garage ta' terzi u dan kellu jinżamm ukoll. Il-fond in kwistjoni hu proprjetà tiegħu. Il-ftehim oriġinali mar-rikorrent għamlu hu. Qal li n-numru tar-rikorrent ma kellux, u lir-rikorrent kien rah missieru u stiednu biex ikellimhom biex jiftiehmu fuq ix-xogħol mertu tal-kawża. Mistoqsi kienx preżenti mill-bidu tax-xogħolijiet irrisponda li dejjem hu kien jiftiehem mar-rikorrent. Insegwitu għal li jwaqqa', Bugeja kellu jaqtgħalu bit-trencher, u mbagħad ir-rikorrent kellu jkompli jqatta'. Hu qabbad terzi biex iqattgħu bit-trencher għax ir-rikorrent ma kellux, u ma kienx jaf jekk l-inġenji li juża r-rikorrent kienux tiegħu jew kienx jikrihom. Xehed li missieru ma kellux x'jaqsam fil-kwistjoni salv li spjega qabel. Hu kien waqqaf lir-rikorrent meta x-xogħol kien wasal kif jidher fir-ritratt Dok. B.[18] Mistoqsi għala ma ħallasx lir-rikorrent spjega li qed jikkontesta l-ammont li r-rikorrent qiegħed jgħid li fadal pendenti. Ir-rikorrent ma ġabx l-irċevuti ta' dak li kien ħallsu. Fuq kemm ġie l-kont kien hemm diskrepanza fil-bidu però ftiehmu fuq figura, u qabel li kienet dik riflessa f' Dok. E.[19] Hu għaraf il-firma tiegħu fuq tali dokument u kkonferma li l-ftehim kien li l-ammont pendenti kien ta' ħdax-il elf. Hu għadda pagamenti tramite ċekk u flus kontanti. Bħala prova ta' dawn il-flus kontanti huwa kellu rendikont ta' dak li ġibed mill-ATM però dawn tal-aħħar ma jidhrux fl-elenku tar-rikorrent. Ta' dawn il-pagamenti qatt ma ngħata rċevuti. Dwar l-invoice Dok. A[20] qal illi qatt ma ra tali invoice u lanqas kienet maħruġa lilu. Qal illi l-ammont kienu qablu fuqu. Żied illi kien hemm ħsarat fuq il-ħitan li ma kellux jaħdem fuqhom ir-rikorrent u ddeċidew li ma jagħtux kashom. Anke problemi mal-ġirien ħoloqlu r-rikorrent. Qal li hu ħadem il-kont u ġie għaxart elef, u r-rikorrent beda jgħid iżjed u qablu fuq ħdax-il elf. Lir-rikorrent qallu li ser jagħtih il-bilanċ bil-mod għax kien ħareġ ħamsin elf garanzija. Ir-rikorrent qallu biex jekk jagħtih ċekk jagħmlu fuq martu Phyllis Zahra biex ma jitlifx mill-penzjoni, u imbagħad ried flus kontanti biss. Minn mindu qablu fuq il-

[17] Fol 96-98.
[18] Fol 25.
[19] Fol 29.
[20] Fol 24.

ħdax-il elf hu taħ il-pagamenti. Ikkonferma li wara l-pagament tas-27 ta' Jannar 2018 hu ħallas iżjed.

8. Fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2021 kompla jixhed l-intimat **Michael Bugeja**[21]. Ippreżenta tlettax-il dokument mmarkati Dok. MB 230901 sa MB 230913[22]. Qal, *inter alia*, li meta xehed l-aħħar darba ġie mitlub jispjega jekk kienx għamel xi pagamenti oħra lir-rikorrent wara Jannar 2018. Spjega li d-dokumenti kienu kopji ta' ċekkijiet li ġew imsarrfa. Ir-rikorrent ried li ċ-ċekkijiet ma jkunux fuq ismu però mbagħad Bugeja beda joħroġhom fuq ismu avolja hemm minnhom fuq isem ħaddieħor li ġew ffirmati minnu fuq wara. Erbgħa mid-dokumenti esebiti huma statements bankarji. L-intimat immarka bl-isfar biex juri l-pagamenti li għamel. Huwa qatt ma ngħata rċevuta mir-rikorrent. Mistoqsi in kontro-eżami quddiem min u fejn kien jagħti ċ-ċekkijiet lir-rikorrent irrisponda li ma kien ikun hemm ħadd ieħor preżenti u li kien ikun quddiem id-dar tiegħu, u darba fejn il-barriera kien taħ tliet ċekkijiet. Dwar MB 230913[23] jgħid li kien ġibed €3,000 mill-ATM u li kien għaddiehom lir-rikorrent fi flus kontanti fejn id-dar tiegħu. Ir-rikorrent kien qed jiġri warajh u Bugeja kien maqbud u allura ġibed il-flus u tahom lir-rikorrent. Ir-rikorrent kien jgħidlu li l-problema kienet minħabba l-pensjoni. Żied ukoll illi l-kont muri f'Dok MB 230913 ma tantx jużah. Irrefera għal Dok. L[24] u qal li r-rikorrent qatt ma ried jiffirma din id-dikjarazzjoni, u li qatt ma kien tah irċevuti.

9. Fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2021 reġa xehed l-intimat **Michael Bugeja**[25] in subizzjoni. Mistoqsi dwar Dok MB 230907 sa MB 230909[26] u min hu Josef Borg hu rrisponda li ma jafx. Mistoqsi għala ħareġ ċekkijiet fuqu spjega li l-firma tiegħu però Josef Borg mhux hu kitibha. Iċ-ċekk kien jagħtih lir-rikorrent vojt u ċioe mingħajr isem, u Bugeja kien jimla biss l-ammont u jiffirma. Ir-rikorrent kien jgħidlu biex ma jagħmilx ċekkijiet fuq ismu minħabba l-penzjoni. Meta għamlu l-karta beda jagħmilhom fuq isem ir-rikorrent biex ma jgħidx li ma ħallsux.

10. Fis-seduta tat-3 ta' Frar 2022 kompla jixhed l-intimat **Michael Bugeja**[27] in subizzjoni. Ikkonferma li hu kien ffirma l-ftehim esebit bħala Dok. E[28], u li tali karta qatt ma ġiet irritornata lilu u ma setax jikteb fuqha ċ-ċekkijiet li kien ta lir-rikorrent.

---

[21] Fol 100-101.
[22] Fol 102-114.
[23] Fol 114.
[24] Din il-Qorti tinnota li ma hemmx Dok. L in atti.
[25] Fol 120.
[26] Fol 108-110.
[27] Fol 135-136.
[28] Fol 29.

Il-kopji taċ-ċekkijiet li Bugeja eżebixxa kien tahom lir-rikorrent wara d-data li ffirma Dok. E (u ċioe wara id-9 ta' Novembru 2017). Ikkonfrontat bil-kopji taċ-ċekkijiet ppreżentati minnu qal li dawn mhux iċ-ċekkijiet kollha ppreżentati u li kienu pagamenti tar-rikorrent ukoll. Hu eżebixxa ċ-ċekkijiet biex juri li ċ-ċekkijiet ħariġhom fuq isem mart ir-rikorrent jew vojta għax ir-rikorrent hekk kien jgħidlu. Bugeja dejjem talab l-irċevuti u r-rikorrent qatt ma ġablu waħda. Spjega li Dok. MB230907, MB 230908 u MB 230909[29] kien ħariġhom qabel, u li ma jafx min hu Josef Borg. Sa fejn jista' jissuspetta dan Josef Borg hu t-tifel ta' Joe il-mechanic tar-Rabat. Qal li wara li ffirma Dok. E kien fadallu jagħti €11,000. Minn dawn il-€11,000 xehed li ma jafx kemm fadal pendenti u li jrid jikkalkula abbbażi tal-istatements għaliex kien ġibed il-flus kontanti wkoll.

11. Fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2022 kompla jixhed l-intimat **Michael Bugeja**[30]. Fost affarijiet oħra qal illi kellu proġett li jinkludi twaqqiegħ u tqattiegħ fi Triq Santa Katerina, limiti tar-Rabat, liema proprjetà hu s-sid tagħha. Lir-rikorrent kien ilu jafu minn meta kien żgħir u kien jgħix viċin tiegħu. Introduċieħ missieru, u hu u r-rikorrent ftiehmu dwar xogħol. Missieru m'għandux x'jaqsam mal-proġett però kien jinvolvi ruħu fis-sens li joqgħod viċin ukoll u kien imur jagħti daqqa t'għajn. Mar-rikorrent il-ftehim kien li jwaqqgħu ġewwa u l-faċċata u l-ġnub iżommuhom. Qabel beda x-xogħol bil-martell Bugeja kien ġab lil xi ħadd ieħor jaqta' l-blat minn mal-appoġġi permezz ta' sega. Il-ftehim kien li jwaqqa' ġewwa u mbagħad jibda bit-tqattiegħ, u li jfanndu 6 metri mill-wiċċ tat-triq u dan min-naħa tal-iktar biċċa għolja. Dwar il-prezz qablu fuq rati li għaddielu r-rikorrent però l-karta tar-rata ma sabiex. Spjega li ma ffirmaw xejn, u li qablu fuq dak li kien għaddielu r-rikorrent. Sa fejn jiftakar Bugeja kienet €14 kull jarda kubu, liema prezz kien jinkludi l-VAT u anke l-ġarr u r-rimi. Ma sarx ftehim dwar kif ser isir il-ħlas qabel ma beda x-xogħol, però ftiehmu li max-xogħol jgħaddilu pagamenti akkont.

12. Fis-seduta tal-5 ta' April 2022 kompla jixhed l-intimat **Michael Bugeja**[31] u qal, *inter alia*, illi r-rikorrent beda x-xogħol ta' twaqqiegħ u tlesta u tħallas għas-saldu. Bugeja kien ħareġ ċekk però r-rikorrent irritornah u qallu biex joħroġ iċ-ċekk fuq isem il-mara jew iħallih vojt. Ma spjegalux għala għajr li għar-raġunijiet tal-pensjoni tiegħu. Bugeja qal li ta ċekk vojt u ċioe bla isem lir-rikorrent. Niżżel l-ammont u ffirmah. Sussegwentement ġab is-sega biex iqatta' kif kienu ftiehmu għas-spejjeż tiegħu u Bugeja ħallas lil min kien għamel dan ix-xogħol direttament. Wara beda t-tqattiegħ

[29] Fol 108, 109 u 110 rispettivament.
[30] Fol 137-138.
[31] Fol 140-141.

tal-blat, però wara xi jiem indunaw li ma kienx qed isir xogħol fuq il-post. Bugeja kien iċempel lir-rikorrent u ma jaqbdux jew jaqbdu wara li jkun ċempel diversi drabi. Wara li għadda ċirka xahar u progress ma kienx sar kemm xtaq Bugeja, avviċina lir-rikorrent u r-rikorrent qallu li għandu bżonn l-għajnuna għax waħdu ma setgħax itella ħafna xogħol. Infurmah li ser iġib l-għajnuna. Wara xahar u tliet ġimgħat Bugeja sab ħaddieħor min ikompli x-xogħol u taħ rata irħas u ċioe €11 il-jarda. Lir-rikorrent informah sabiex jagħmlu l-kont sa fejn kien wasal biex Bugeja ikompli b'ħaddieħor. Ir-rikorrent kien talbu biex ikompli u offra r-rata li kien tah ħaddieħor. Infurmah li kien sejjer Sqallija bil-mutur u offra li ma jmurx però Bugeja ħallieh imur bil-patt li la jirritorna x-xogħol jkompli mingħajr intoppi. Għalkemm ġie u reġa kompla x-xogħol l-andament kien l-istess bħal ta' qabel. Tah żmien ftit ġimgħat u reġa beda jfittex għax progress ma kienx sar. Finalment sab lil Frans Portelli li kompla x-xogħol wara li waqqaf lir-rikorrent. Bugeja spjega lir-rikorrent li ma setgħax itawwal bir-rata li kien qed imexxi x-xogħol. Għamlu marka fejn kien wasal bl-ispray, u ftiehmu ġurnata biex ikejlu. Ir-rikorrent ma kienx mar. Bugeja kejjel xorta u kompla x-xogħol Frans Portelli u ibnu. Frans Portelli għamel il-marki biex ikun jista' jinkuba fejn għamel hu. Ir-rikorrent kien sussegwentement ġablu l-kont għax qallu li kien mar u kejjel. Ma qablux fuq il-kont. Waqt l-andament ir-rikorrent kien laqat il-faċċata u Bugeja kellu jġib bennej biex jirranġa x-xogħol. Ikkonferma li fuq il-kont ma qablux u talbu biex jiltaqgħu biex jiffinalizzaw. Meta ltaqgħu qablu fuq il-kont u għamlu karta, u Bugeja bgħatilu bil-posta. Bugeja aċċetta s-somma li waslu għaliha u qablu li l-kont jitħallas bin-nifs. Kien jibgħat iċ-ċekkijiet post dated u beda jħallas il-kont hekk, imma r-rikorrent qatt ma bgħatlu rċevuti.

13. Fis-seduta tat-2 ta' Ġunju 2022 kompla jixhed l-intimat **<u>Michael Bugeja</u>**[32] u, fost affarijiet oħra, qal li kien bagħat kopja tal-ftehim (aġġornat bil-ħlasijiet) lir-rikorrent bil-posta reġistrata però qatt ma ġiet lura għandu. Ippreżenta Dok. MB 020601[33] li hu ftehim iffirmat minnu biss għax il-kopja li bagħat lir-rikorrent ma ġietx lura għandu ffirmata. L-ewwel tliet pagamenti qegħdin fuq il-karta li bagħat lir-rikorrent u l-oħrajn huma aġġornamenti li għamel hu stess biex iżomm rendikont. Eżebixxa wkoll Dok. MB 020602 sa MB 020607[34] li huma kopja ta' ċekkijiet li għadda lir-rikorrent. Eżebixxa Dok MB 020608 u MB 020609[35] li huma statements li juri illi l-istess ċekkijiet issarrfu. Dok. MB 020610[36] hu statement ta' meta kien ġibed €3,000 għax kien spiċċalu l-ktieb taċ-ċekkijiet, u peress li r-rikorrent kien kuljum jgħaddi

[32] Fol 143-144.
[33] Fol 145.
[34] Fol 146-151.
[35] Fol 152-153.
[36] Fol 154.

għall-flus iddeċieda li jagħtih flus kontanti. Reġa' xehed li r-rikorrent kien jgħidlu biex ma jagħmilx ċekkijiet fuqu. Eżebixxa Dok MB 020611 sa MB 020613[37] li huma ċekkijiet li kien ta lir-rikorrent vojta u li b'xi mod imtlew fuq Josef Borg u ssarrfu skont l-istatements li eżebixxa bħala Doks. MB 020614 sa MB 020615[38]. Eżebixxa Dok MB 020615[39] li hu kont li kien bagħat lir-rikorrent li fuqu hemm miktub biex iċ-ċekkijiet isiru fuq Phyllis Zahra. Fil-mument li ħarġu ċ-ċekkijiet li eżebixxa ma kellux relazzjoni ta' negozju ma' Josef Borg u lanqas il-ġurnata tas-seduta ma kellux. Eżebixxa Dok MB 020616 u MB 020617[40] li juru l-ħsara li kien għamel ir-rikorrent mal-faċċata tal-binja li kienu qed iwaqqgħu. Fejn laqat ir-rikorrent ma kienx miftiehem li titwaqqa'.

14. Fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2022, kompla jixhed l-intimat **Michael Bugeja**[41], u esebixxa Dok MB 101101 u MB 101102[42] li huma rċevuti u invoice ta' xogħol li sar qabel ir-rikorrent biex ma jkunx hemm tfixkil. Fost affarijiet oħra, spjega li qattgħu kull ma hemm bis-sega biex ma jkunx hemm ħafna tirqim, u li dawn daħlu qabel ir-rikorrent.

15. Fis-seduta tal-14 ta' Frar 2023 kompla jixhed l-intimat **Michael Bugeja**[43] u sżebixxa Dok. MB 140223A sa MB 140223J. Dok. MB 140223A[44] hu ritratt tat-trencher ta' Faceworks jaħdem fuq il-post u fuq wara l-excavator tar-rikorrenti. Dok. MB 140223B sa MB 140223D[45] huma l-kont ta' Frans Portelli li għandu fil-pussess tiegħu Bugeja u li ħallas hu. Dok. MB 140223E[46] huma l-mammi taċ-ċekkijiet li nħarġu favur Frans Portelli. Dok. MB 140223F[47] hu s-sit fejn ħadem Frans Portelli. Dok. MB 140223G[48] hu s-sit kif kien ħalliha r-rikorrent, anke bil-makkinarju tal-istess rikorrenti. Dok. MB 140223H[49] hu s-sit meta ħadem Frans Portelli wara r-rikorrent. Minn fejn telaq Portelli hu mmarkat bl-ittra X, u dwar it-tliet marki ħomor li qed isir ċirku u salib magħhom spjega li dawn saru minn Frans Portelli sabiex ikun jista' jkejjel ix-xogħol tiegħu. Sal-marka kien lest, iktar l-isfel sar mir-rikorrent. Dok

[37] Fol 155-157.
[38] Fol 158-159.
[39] Fol 160.
[40] Fol 161-162.
[41] Fol 169.
[42] Fol 170-171.
[43] Fol 174.
[44] Fol 177.
[45] Fol 178-180.
[46] Fol 181.
[47] Fol 182.
[48] Fol 183.
[49] Fol 184.

MB 140223J[50] hu s-sit però iktar 'il quddiem. Portelli kejjel sakemm wasal fil-pjan u wara ttrimja dawra mejt.

16. Fil-21 ta' April 2021 ġie ppreżentat l-affidavit ta' **Anthony Sant**[51] permezz ta' nota. Dan qal *inter alia* s-segwenti:

   i. Illi hu llum il-ġurnata hu pensjonant però kien jaħdem fil-barriera tal-blat. Kien avviċinah Pawlu Zahra (ir-rikorrent) biex jagħtih daqqa t'id ċirka fl-2016.

   ii. Ir-rikorrent kien qallu biex imur jaħdem miegħu fil-proprjetà li tinsab ġewwa Santa Katerina, ir-Rabat. L-involviment tiegħu kien li jġorr il-blat għall-barriera u r-rikorrent kien iqatta' bl-excavator.

   iii. Ma kienx imur kuljum miegħu. Ħafna ġranet kien imur ir-rikorrent waħdu. Sant kien jinżel biss meta jkun jista' minħabba li għandu r-raba' tiegħu li jrid jieħu ħsiebha hu. Pero' kien mar ċirka ħamsin vjaġġ minn u lejn Santa Katerina għall-barriera.

   iv. Jikkonferma illi r-rikorrent, kull meta kien ikun hemm, kien ikun qiegħed iqatta' l-blat.

   v. Darba kien ċempillu r-rikorrent u qallu biex ma jinżilx għax kien ċempel sid il-post u qal lir-rikorrent biex ma jkomplix ix-xogħol.

   vi. Hu kien konxju li kien hemm xi kwistjoni fuq il-kejl, u kien mar surveyor ikejjel ix-xogħol li kien ħadem ir-rikorrent għax ma riedx iħallsu.

   vii. Ftit żmien wara kien kellmu r-rikorrent fejn qallu li għadu ma tħallasx ta' xogħolu.

   viii. Hu jista' biss jikkonferma illi t-tqattiegħ tal-blat tal-post, ħlief ir-rampa, għamlu kollu r-rikorrent għax fil-ġranet li ta daqqa t'id kien jara lir-rikorrent jaħdem fiha bla nifs.

17. Fis-seduta tat-18 ta' April 2023 xehed ir-rikorrent **Paul Zahra**[52] in kontro-eżami. Fost affarijiet oħra qal li dwar it-tqattiegħ hu tħallas ta' parti minnu minn Ninu fi flus

---

[50] Fol 186.
[51] Fol 30.

kontanti, però ma jiftakarx kemm tħallas avolja fadallu jiġbor €6,200. Qal li l-€11.75-il jarda kienu jinkludu l-VAT. Ikkonferma li huwa kien qabel li jnaqqas il-prezz imma ċaħad li għamel hekk għax ma kienx qed jagħmel xogħol sew. Ma qabilx li kien qed jieħu ħin żejjed fix-xogħol u li kkawża xi ħsarat lill-ġirien. Qal li baxxa l-prezz għar-raġuni li l-biċċa tax-xogħol li ried jagħmel kienet kbira. Spjega li ma kienux iffirmaw karti li l-ewwel qatgħa kien fiha 589 jarda, u qal li ma kien hemm xejn li jwaqqfu milli jiffirma karta biex l-affarijiet ikunu ċari fir-rigward tal-ammont in kwistjoni. Ir-rata ġdida ta' €9 kienet tinkludi wkoll il-VAT. Ikkonferma li għandu VAT number li sa fejn jiftakar kien 1212-5623. Spjega li l-lavrant tiegħu kien Anthony Sant, u li jpartu x-xogħol bejniethom u ma jaħdimx miegħu bil-paga. Mistoqsi dwar it-tqattiegħ li kien fadal isir u li daħal jaħdem Frans Portelli spjega li lil Frans Portelli kien qallu biex ma jidħolx għax Zahra kien ħa jkompli r-rampa għax skontu r-rampa biss kien fadal. Meta staqsa lil Frans Portelli għala daħal fuqu rrispondieh li kien kellmu Ninu. Meta Zahra kkonfronta lil Ninu bil-fatt li daħal fuqu ħaddieħor dan qallu li ser iħallsu l-avukat. Zahra qal li kien preżenti meta s-surveyor, John Ellul, mar ikejjel fuq il-post. Infatti raħ ikejjel u Ellul anke taħ il-kejl. Ikkonferma li Dok. D[53] hu l-kejl li għamel referenza għalih. Ikkonfrontat bil-fatt li s-surveyor ma kejjilx, ikkonferma li s-surveyor kien kejjel fuq il-post, u li l-bini kien diġà nbena u li l-intimat ma kienx hemm. Qal li l-intimat kien tah aktar minn 3 ċekkijiet però ma jafx kemm. Qal li Josef Borg li xehed waqt is-seduti jixtri ż-żejt mingħandu u li ċekkijiet maħruġin fuq Josef Borg bil-firma tiegħu fuq wara ma kienx hemm. Rigward ċ-ċekk bin-numru 279 qal li hu jiffirma Pawl Zahra u li l-firma mhux tiegħu però n-numru tal-mobile huwa tiegħu. L-istess kkonferma għaċ-ċekkijiet bin-numri 277 u 278. Ma jiftakarx li l-intimat ħareġ iċ-ċekkijiet fuq Josef Borg biex hu jħallas lill-istess Josef Borg. Qal li ċ-ċekkijiet bin-numri 254, 255, 257, 478, 479 u 480 huma bil-firma tiegħu u dawn kollha tħallas, u li fadal €6,200. Ikkonferma li l-intimat qatt ma ħallsu flus kontanti.

18. Fis-seduta tal-25 ta' April 2023 ġie prodott **Anthony Sant**[54] in kontro-eżami. Fost affarijiet oħra qal li hu mhux impjegat tar-rikorrent, u li qatt ma ltaqa' mal-intimat. Ippreċiża li ma jiftakarx kemm-il darba mar fuq il-post però mar 30 darba. Qal li dan ilu xi 5 snin u li kien fis-sajf. Hu u r-rikorrent ipartu x-xogħol u ċioe Sant jaħdimlu meta jkollu bżonn ir-rikorrent u r-rikorrent jaħdem lil Sant meta Sant ikollu bżonn. Ir-rimi kien iħallsu r-rikorrent. Qal li anke vjaġġi kien jagħmel u għalhekk kien imur jgħin lir-rikorrent. Spjega li kienu jarmu għand t-Tlata sa fejn jiftakar hu, u li ma

---

[52] Fol 190A-191.
[53] Fol 27.
[54] Fol 192-193.

kienx hemm bogħod bejn is-sit tax-xogħol u l-post fejn kienu jarmu. Meta mar hu fuq il-post, ix-xogħol kien diġà beda u kien hemm tqattiegħ ġa lest. Wara li s-sid waqqaf lir-rikorrent jaf li daħal xi ħadd ieħor imma Sant ma kienx jafx min. Meta darba kien preżenti Sant kien ġie xi ħadd ikejjel u r-rikorrent qallu li kien surveyor. Sa fejn jaf Sant is-surveyor ikejjel kien qiegħed. Ir-rikorrent ma qallux xi ħlas irċieva mingħand l-intimat u sa fejn jaf hu ma kienx ħallsu. Żied li r-rikorrent ma qallux li għaddielu ċ-ċekkijiet u li Sant ma kellux x'jaqsam ma' ċekkijiet.

19. Fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2021 xehed **Anthony Bugeja**[55]. Fost affarijiet oħra qal li hu jiġi missier l-intimat u kkonferma li darba kellem lir-rikorrent u talbu xi prezzijiet ta' xogħol ta' tqattiegħ ta' blat. Dawn talabhomlu b'referenza għat-twaqqiegħ u tqattiegħ fil-fond mertu tal-kawża, li hu 'Anthony House', Triq Santa Katerina, Rabat. Meta kellem lir-rikorrent, il-post kien jgħajjat lill-intimat u kien biegħlu l-post qabel inbeda mertu tal-kawża. Hu ma ftiehem xejn mar-rikorrent iżda għadda il-prezzijiet lill-intimat. Il-prezzijiet kienu bid-diskors u mhux bil-miktub. Hu għaddihom lill-intimat u jgħid li mbagħad irranġaw ir-rikorrent u l-intimat bejniethom. Lir-rikorrent qatt ma taħ flus u ma ftiehem xejn miegħu. Ma jaf xejn iżjed minn meta għadda l-prezzijiet lill-intimat u qatt ma ltaqa' mar-rikorrent fuq ix-xogħol in kwistjoni jew fuq il-lant. Ma jafx meta kellem lir-rikorrent l-ewwel darba, u kemm dam biex beda x-xogħol ir-rikorrent. L-intimat kien imur kull tmiem il-ġimgħa. Mistoqsi min kien jieħu ħsieb ix-xogħol meta kien ikun imsiefer l-intimat rrisponda li l-intimat kien jiġi minn barra kull tmiem il-ġimgħa, però minn meta beda x-xogħol kien waqaf jaħdem barra. Qal li kien l-intimat li waqqaf lir-rikorrent mix-xogħol u li ħadd ma kien għarrfu lilu li r-rikorrent ser jitwaqqaf. Żied li l-bniedem tagħrfu li imbidel fuq il-lant, u kkonferma li l-lant huwa fit-triq tagħhom. Hu induna li ma kienx għadu r-rikorrent li qed jeżegwixxi x-xogħol, però ma jafx għala twaqqaf ir-rikorrent. Hu qal li qatt ma ċempillu ċertu Frans Portelli, avolja jaf min hu għax joqgħod viċin tagħhom. Sa fejn kien jaf hu kien Frans Portelli li kompla x-xogħol, però qatt ma ċempillu. Qal li ma kellux x'jaqsam iżjed wara dan il-proġett minn mindu għadda il-prezzijiet lill-intimat. Ma jafx dwar kwistjonijiet ta' flejjes fuq dan il-proġett. Lil Frans Portelli qatt ma qabbdu, kien l-intimat li qabbdu. Speċifika li ma kellux diskursati u ma kienx preżenti għal diskursati dwar il-prezz tax-xogħol. Qal li r-rikorrent qatt ma kien mar l-għalqa tiegħu li tinsab l-Wied ta' Liemu.

20. Fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2021 xehed **Francis Portelli**[56]. Hu qal, *inter alia*, illi hu kuntrattur u jqatta' l-blat u kollox. Lir-rikorrent ddrittalu l-blat ġewwa Santa

[55] Fol 116-117.
[56] Fol 118-119.

Katerina, Rabat. Qal li għamel tirqim (*trimming*) u li x-xogħol sar fil proprjetà tal-intimat. Spjega li meta daħal hu kien hemm il-blat mqatta'. Hu għamel tirqim u kien hemm biċċa daħlulha bħala għar il-ġewwa. Meta mar hu ma kienx hemm makkinarju, u hu uża l-gerriema. Ma jafx min ħadem qablu, kien avviċinaħ l-intimat biex jagħmel it-tirqim. Qal li x-xogħol li għamel hu r-rikorrent ma għandux biex. Mistoqsi kif jaf li ma għandux biex jagħmlu qal li hu jikkonferma dak li qed jgħid. Meta mar ir-rikorrent ikellmu fuq il-post qallu li kien qed iqattalu r-rikorrent lill-intimat, u Portelli ma lmentalux. Qal li hu kien fuq il-post waqt li kien qed isir it-tirqim, u li kien ilu xi ħmistax li beda ix-xogħol meta ġie fuqu r-rikorrent u qallu li kien qed jaħdem hemm. Speċifika li r-rikorrent ma semmiex flus, u qallu li ma riedx ikomplilu lill-intimat, però ma qallux għala. Dakinhar Portelli ma ċempel lil ħadd. Ir-rikorrent ma kienx semmielu li ma ħallsux - kien qallu biss li kien jaħdem hemm qabel. Missier l-intimat, Ninu, kien jiġi spiss fuq il-post jagħti daqqa t'għajn fuq il-lant tal-intimat. Portelli ma kienx jaf fejn kien joqgħod Ninu. L-istruzzjonijiet kien joħodhom mingħand l-intimat. Reġa ppreċiża li meta ġie fuq il-lant ir-rikorrent Portelli ma ċempel lil ħadd, u ma jiftakarx jekk ir-rikorrent ċempilx lil xi ħadd hu. Qal li d-diskussjoni li kellu ma' Ninu rigward ir-rikorrent kienet fis-sens dwar min għamel ix-xogħol qablu.  Lil Ninu kien qallu li kien mar ir-rikorrent fuq il-lant. Qal li lilu qatt ma qallu li ma ħallsux. Xahrejn qabel is-seduta kien ċempillu r-rikorrent u staqsieh jekk kienx ċempel lill-intimat jekk ħallsux, u hu rrispondih li mhux ser jigdeb għalih. Xehed li qatt ma kien tkellem ma' Ninu u l-intimat flimkien, u dwar flus kellu x'jaqsam biss mal-intimat u l-għarusa tiegħu. Kien għadda ż-żmien meta r-rikorrent kien qallu li l-intimat ma kienx ħallsu, u Portelli ma qal lil ħadd dwar dan l-ilment għax ma kellux għalfejn. Kienu laħqu għaddew sentejn jew tlieta meta kien qallu li l-intimat ma kienx ħalsu. Meta qal lill-intimat u missieru Ninu li kien mar ir-rikorrent ma qalulu xejn.

21. Waqt is-seduta tad-9 ta' Novembru 2021 l-intimat ippreżenta Doks. MB 091101 u MB 091102.[57]

22. Fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2022 xehed **Frans Portelli**[58]. *Inter alia*, qal li hu jqatta' l-blat u li l-intimat kien inkarigah biex iqattgħalu li kien baqa'. Kien qabbdu l-intimat u ħallsu l-intimat, u kien l-istess intimat li jgħidlu x'għandu jagħmel. Il-post in kwistjoni kien qiegħed ir-Rabat. Meta mar fuq il-post kien hemm tqattiegħ però ix-xogħol ma kienx lest. Speċifika li ma jiftakarx x'kien fadal xogħol għax ilu sitt snin, imma kien hemm ħafna tirqim u r-rampa. It-tqattiegħ kien sar. Spjega li kienu

[57] Fol 121-133.
[58] Fol 168-169.

neħħew ċirka 2 piedi wkoll mas-sit kollha, u li r-rampa kienet fuq wara. Jekk jiftakar tajjeb, ix-xogħol tiegħu kien jammonta għal ċirka €6,000, it-tirqim kien bis-siegħa u ċioe €85 jew €95 fis-siegħa. Ma kienx ftakar x'kienu r-rati li ftiehmu fir-rigward tal-kumplament tax-xogħol. In kontro-eżami qal li ma jafx x'kienu ftiehmu l-intimat u r-rikorrent. Hu staqsa lill-intimat jekk kienx irranġa mar-rikorrent u Bugeja qallu li kien irranġa. Lill-intimat ma kellmux.

23. Fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2022 xehdet **Lorraine Attard in rappreżentanza tal-HSBC plc**[59]. *Inter alia*, qalet li ġiet mitluba tixhed dwar numru ta' ċekkijiet annessi mal-inġunzjoni. Wara li ġiet eżentata miż-żewġ partijiet spjegat li hemm xi ċekkijiet li mhumiex fuq il-partijiet u għalhekk trid eżenzjoni dwar dawn ukoll, u ċioe ċekkijiet bin-numri 277, 278, 279 u 280. Iċ-ċekk 480[60] inħareġ mill-intimat u ġie nnegozjat il-BOV, u hemm firma tar-rikorrent u n-numru tal-karta tal-identità 80953M. L-istess japplika għal ċekkijiet bin-numri 479[61], 478[62], 257[63], 255[64] u 254[65]. Kien hemm drabi ma ġiex imniżżel in-numru tal-karta tal-identità. Dwar ċekkijiet bin-numri 277[66], 278[67], 279[68] u 280[69] ikkonfermat li nħarġu mill-intimat u ma tistax tagħti informazzjoni dwar min sarrafhom għax mhijiex awtorizzata.

24. Fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2022 xehed **Josef Borg**[70]. Hu qal, *inter alia*, li għamel negozju mar-rikorrent. Mal-intimat ma għamel l-ebda forma ta' negozju però jagħmel negozju maz-ziju tal-intimat, Michael Bugeja. Hu jbiegħ iż-żejt tal-magni u jqatta' l-blat bl-excavator. Ir-rikorrent kien ġie jieħu xi żejt, u kien ilu jieħu x-xogħol mingħandu ċirka għoxrin sena u għadu klijent tiegħu. Eżebixxa Dok JF 140701[71] li huma ċekkijiet li taħ ir-rikorrent bħala ħlas ta' xogħol li kellu jħallsu tiegħu. Iċ-ċekkijiet iddepożitahom il-bank. Ma kienx ivverifika jekk kienux maħruġin minn accounts tal-intimat, hu kien jara l-ammont fil-figuri u li hemm ismu u xejn iżjed.

---

[59] Fol 166-167.
[60] Fol 103 u 151.
[61] Fol 104 u 150.
[62] Fol 102 u 149.
[63] Fol 107 u 148.
[64] Fol 105 u 147.
[65] Fol 106 u 146.
[66] Fol 108 u 156.
[67] Fol 109 u 157.
[68] Fol 110 u 155.
[69] Din il-Qorti tinnota li kopja ta' dan iċ-ċekk ma jinsabx fl-atti.
[70] Fol 164.
[71] Fol 165.

25. Fis-seduta tal-14 ta' Frar 2023 xehed **<u>Dr. Jianni Grima fil-vesti ta' rappreżentant ta' Faceworks Ltd</u>**[72]. Hu qal, fost affarijiet oħra li jagħmlu xogħol ta' skavar u demolizzjoni, u li ġew inkarigati mill-intimat biex jagħmlu xogħol bit-trencher. Il-post kien ir-Rabat, Malta mit-8 ta' Marzu 2016 sal-10 ta' Marzu 2016. Ippreżenta Dok. JG 140201[73] li hu vera kopja tal-invoice li ħareġ lill-intimat u qal li tħallsu tax-xogħol mill-intimat. Eżebixxa Dok. JG 140202[74] li hi rċevuta tal-ħlas.

26. Fil-15 ta' April 2024 il-**<u>Perit Valerio Schembri</u>** ppreżenta r-relazzjoni maħlufa tiegħu lill-Qorti.[75]

27. Fid-dawl tal-fatt illi l-perit ġie nfurmat illi fid-data tan-nomina tiegħu l-fond mertu tal-kawża kien mibni u finished, huwa kkonkluda illi ma kienx hemm wisq skop sabiex jaċċedi fuq is-sit in kwistjoni, u dana anke sabiex ma jiżdiedux l-ispejjeż relatati mal-inkarigu tiegħu.[76]

28. Il-konklużjoni tal-**<u>Perit Valerio Schembri</u>** dwar it-tieni eċċezzjoni mressqa mill-intimat (*ossia* illi mill-ammont msemmi fl-ewwel eċċezzjoni għandhom jitnaqqsu l-ħsarat u danni kkawżati mir-rikorrent fil-kors tax-xogħolijiet) hija illi skont ir-ritratti esebiti bħala Doks. MB 020616[77] u MB 020617[78] ma kellux dubju illi l-ħsara saret minn ġewwa għall-barra u ċioe illi l-istess ħajt intlaqat aktarx bl-inġenji min-naħa ta' ġewwa tal-fond. Mill-istess ritratti l-perit ma setgħax jistabbilixxi min mill-kuntratturi involuti kien laqat l-istess ħajt, u li seta' jistabbilixxi biss hu li l-kawża tal-ħsara kienet daqqa min-naħa ta' ġewwa u ma dehrlux illi l-istess ħsara kienet eżistenti qabel beda x-xogħol fuq is-sit mertu tal-kawża.[79] Il-Perit innota illi l-intimat jallega illi kien ir-rikorrent li għamel din il-ħsara, u li r-rikorrent ma rribattiex din l-allegazzjoni – la meta xehed u lanqas fl-affidavit tiegħu.[80]

29. Dwar ħsara li allegatament saret mir-rikorrent fuq proprjetà tal-ġirien, hu speċifika, fost affarijiet oħra, illi l-unika prova li seta jsib kienet id-dikjarazzjoni tal-intimat fis-seduta tat-8 ta' Ġunju 2021 meta qal "Ngħid li anke problemi mal-ġirien ħoloqli."[81]

---

[72] Fol 173.
[73] Fol 175.
[74] Fol 176.
[75] Fol 70-193
[76] Fol 78.
[77] Fol 161.
[78] Fol 162.
[79] Fol 80.
[80] Fol 80.
[81] Fol 97.

Ir-rikorrent ċaħad tali allegazzjoni fis-seduta tat-18 ta' April 2023.[82] Għaldaqstant, il-perit ikkonkluda illi mill-provi li kellu quddiemu ma setgħax jingħad xi ħsara saret, jekk saret, lill-ġirien kif ingħad fit-tieni eċċezzjoni, u wisq inqas jista' jistabbilixxi minn min saret jekk fil-verità saret.[83]

30. Dwar id-dannu tal-ħsara, il-Perit kkonferma, *inter alia*, illi minn dak li ġie ppreżentat quddiemu ma jistax jistabbilixxi li saret ħsara lill-ġirien u għaldaqstant ma setax jakkorda figura jew stima ta' dannu għal din l-allegazzjoni fit-tieni eċċezzjoni. Dwar il-ħsara fil-parti li ma twaqqgħetx, il-perit ikkonferma li ħa konjizzjoni ta' Doks. MB 020616[84] u MB 020617[85] u li fl-opinjoni tiegħu sabiex tissewwa tali ħsara kien ikun meħtieġ li tiżżarma l-istess parti tal-faċċata li ntlaqgħet u tinbena mill-ġdid sabiex ix-xogħol isir sew – liema xogħol kien jiswa ċirka €1,000.[86] Il-perit irrimarka illi provi oħra in atti dwar il-ħsara ma kienx hemm iktar u provi dwar ix-xogħol riparatorju li ġie eżegwit ma tressqux quddiemu.[87]

31. Dwar l-allegazzjoni tal-intimat illi r-rikorrent wettaq xogħol b'mod negliġenti, traskurat u mhux skont is-sengħa u l-arti, l-**AIC Perit Valerio Schembri** rrelata, fost affarijiet oħra, illi ma jistax jiġi stabbilit meta saret il-ħsara fuq il-parti li ma twaqqgħetx. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk kellu joqgħod fuq dak li allega l-intimat u li ma ġiex miċħud mir-rikorrent. Il-perit speċifika illi jekk il-ħsara veru saret mir-rikorrent ma ġiex stabbilit definittivament meta u kif saret – ċioe waqt it-twaqqiegħ jew tqattiegħ, u għalhekk ma jistax jistabbilixxi li fl-operat tiegħu, anke jekk ir-rikorrent kien responsabbli għall-ħsara in kwistjoni, l-istess ħsara saret b'mod negliġenti. Il-perit żied illi ma jirriżulta minn imkien b'mod li hu jista' jistabbilixxi b'mod tekniku li r-rikorrent wettaq xi negliġenza jew kien qed jagħmel xogħol li mhux skont is-sengħa u l-arti.[88] Għal kull bwon fini, il-perit qal li ma għandux il-kompetenza jirrelata dwar il-piz legali li għandu jingħata lil Dok. E[89] u Dok. MB 020601[90] u li ma jistax jqis li jikkontribwixxi bħala prova teknika ta' xi forma ta' ammissjoni tar-rikorrent li l-operat tiegħu kien wieħed negliġenti jew li mhux skont is-sengħa u l-arti.[91]

---

[82] Fol 190A.
[83] Fol 81.
[84] Fol 161.
[85] Fol 162.
[86] Fol 82.
[87] Fol 82.
[88] Fol 83.
[89] Fol 29.
[90] Fol 145.
[91] Fol 84.

32. Dwar l-allegazzjoni illi l-intimat waqqaf l-inkarigu tar-rikorrent minħabba li tal-aħħar kien negliġenti, traskurat u ma għamilx xogħol skont is-sengħa u l-arti, il-perit kkonkluda li mill-provi li għandu quddiemu ma jistax teknikament jistabbilixxi li r-rikorrent kien negliġenti jew traskurat fl-operat tiegħu[92], u lanqas ma jista' jistabbilixxi li x-xogħol li għamel ir-rikorrent ma kienx skont is-sengħa u l-arti.[93] Il-perit speċifika li prova li saret ħsara lill-ġirien ma tressqitx u għalhekk ma setax jaqbel mal-eċċezzjoni li r-rikorrent twaqqaf minħabba ħsara li saret lill-ġirien. Magħdud ma' dan, peress li ma ġiex stabbilit b'ċertezza teknika meta u min għamel il-ħsara fuq il-parti li ma twaqqgħetx ma jistax jistabbilixxi li l-allegazzjoni li din il-ħsara ġiet ikkawżata mir-rikorrent kienet raġuni valida għaliex hu kellu jitwaqqaf milli jkompli l-inkarigu tiegħu.[94]

33. Il-**<u>Perit Valerio Schembri</u>**[95] xehed in eskussjoni, u qal, *inter alia*, illi li seta' jistabbilixxi teknikament kien illi l-ħsara saret minn ġewwa għal barra, jiġifieri f'xi xogħol li kien qed isir fis-sit innifsu. Li ma setgħax jistabbilixxi kien min kien responsabbli u jekk l-ħsara saritx minn terzi estrani għall-kawża. Ikkonferma illi l-ħsara ma saritx minn barra. Ippreċiża li b'xi mod kien hemm xi kuntrattur, kien min kien, li kien qiegħed jagħmel xogħol ġos-sit, għax il-ħsara kienet ġejja minn ġewwa is-sit għal barra it-triq. Mistoqsi mill-Qorti dwar il-proprjetà ta' min hi, rrisponda illi s-sit hu tal-intimat. Qal li fost il-kuntratturi kien hemm ir-rikorrent. Mistoqsi jekk l-intimat allegax u xehed illi l-ħsara saret mir-rikorrent irrisponda li l-bilanċ ta' provi ta' dak it-tip trid issir minn din il-Qorti u li hu jista' jgħid biss teknikament kif saret il-ħsara. Mistoqsi jekk kienx hemm prova oħra fl-atti illi tidentifika sors ieħor għal dik il-ħsara rrisponda li ma kienx hemm. Mistoqsi jagħti iktar dettal dwar l-istima tal-ħsara biex tissewwa l-faċċata, irrisponda li meta tkun biċċa xogħol żgħira bħal ma kienet se tkun t-tiswija tal-faċċata lanqas jekk iġġib kuntrattur jagħmel it-tiswija ma kien se jagħtik analiżi dettaljata dwar l-istima. Reġa' spjega illi kien hemm parti mill-faċċata li kienet tidher illi ntlaqtet minn ġewwa għal barra u kien hemm konsenturi fiha. Qal li ħadd ma kien ħa jispjega kemm għandu bżonn materjal etċ għal tali biċċa xogħol, għax tali affarijiet jiġu stmati u tingħata lump sum stante li ma tiġix ikkalkulata bil-fili bil-ġebel. Mistoqsi mill-Qorti jekk hijiex kwistjoni li toqgħod fuq għajnejk irrisponda illi ċertu esperjenza tgħin biex tikkalkula li biċċa xogħol bħal li titranġa l-faċċata mhux se tiġi iżjed minn €1,000. Mistoqsi jekk tali stima tinkludix

[92] Fol 84.
[93] Fol 85.
[94] Fol 85.
[95] Fol 199-207.

kollox irrisponda li tinkludi kollox, għax ikun hemm ġebel li se jinżamm, probabbli peress li l-faċċata antika. Qal li jkun hemm ftit mill-ġebel lanqas jinħatt għax jitressaq il-ġewwa kollu, u min jiġi biex jagħmel biċċa xogħol hekk jikkalkula kemm se jieħu, jagħmel il-mark up tiegħu u jieħu allowance. Mistoqsi jekk l-istima tinkludix tax-xogħol bl-idejn u l-materjali rrisponda li materjali ma jaħsibx għax jassumi illi mhux se jkun hemm ħafna peress li jrid jinżamm il-ġebel antik, it-tajn u affarijiet hekk u forsi tat-tiswija, u konkrit li hu plastic repair għall-fili. Mistoqsi jkunx hemm bżonn permessi u insurances biex isir dan ix-xogħol riparatorju rrisponda fin-negattiv. Żied li hija parti mill-proġett, u li l-fatt li ntlaqat ħajt minn ġewwa huma affarijiet li jiġru u jitranġaw u m'hemmx ħtieġa tapplika bħal strutturi perikolużi. Mistoqsi x'jiġri jekk ix-xogħol jkun laħaq tlesta rrisponda li ma kienx jagħmel sens li wieħed ikompli għaddej bix-xogħol u l-faċċata titranġa wara għax jekk tibni fuqha se tikkomplika ruħha. Kien jagħmel sens li qabel jibdew ġewwa u affarijiet hekk li l-faċċata titpoġġa f'postha imbagħad jintalbu d-danni. Mistoqsi jekk il-ħsara setgħetx ġiet evitata kieku wieħed joqgħod attent irrisponda illi ma kellux prova ta' negliġenza. Żied illi l-ħsara li seħħet mhux xi ħaġa li tiġri f'kull sit però ġieli tiġri għax eżempju jkun qed jdur bil-bracket jew iċċedi xi biċċa materjal taħtu etċ u l-gaffa jew il-jeep jieħu skoss u tolqot, jiġifiri mhux neċessarjament negliġenza. Però qal li setgħet tkun negliġenza wkoll, avolja mill-prova ma setgħax jistabbilixxi li kien hemm negliġenza diretta. Żied jgħid illi huma affarijiet li jiġru għax wieħed ikun qed jimmanuvra b'inġenji ġo spazju strett, allura biex wieħed ifallilu tikka hu u jimmanuvra ma trid xejn. Mistoqsi jekk kinitx ħsara evitabbli rrisponda li ma setgħax jirrispondi għax ma jafx kif ġrat. Mistoqsi jekk wara x-xogħolijiet li għamel ir-rikorrent rriżultax mill-provi li l-intimat qabbad ħaddiema oħra nvoluti fil-kostruzzjoni rrisponda li quddiemu kien deher xi ħadd li kompla x-xogħol ta' tqattiegħ wara r-rikorrent. Mistoqsi jekk mill-provi rriżultalux li l-faċċata tal-intimat u ta' terzi qatt ma ntlaqtet mir-rikorrent rrisponda li hu daħal fil-kwistjoni tal-faċċata tal-intimat biss u mhux ta' terzi, u li l-istima fir-relazzjoni tiegħu tirrifletti l-ħsara lil tali faċċata tal-intimat.

**Kunsiderazzjoni: in-natura tal-azzjoni tar-rikorrent**

34. Jibda biex jingħad qabel xejn illi kien ir-rikorrent, tramite l-avukat tiegħu, illi talab (kif kellu kull dritt jagħmel) l-ħatra ta' perit mill-Qorti fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2019. Dan id-dritt jinsorġi mil-Art. 644 tal-Kap. 12 li jipprovdi kif ġej:

> **"644. Il-prova bil-mezz ta' perit jew periti tiġi ordnata fuq talba tal-partijiet jew ta' waħda minnhom, inkella mill-qorti minn jeddha."**

35. Din il-ħatra ma ġietx opposta mill-intimat li filfatt laqa' għat-talbiet tar-rikorrent billi fost affarijiet oħra eċċepixxa illi mill-ammont li għandu jieħu r-rikorrent (li skont hu jammonta għal € 3,230 u mhux € 6,200) għandu jitnaqqas dak l-ammont *in linea* ta' kumpens mistħoqq lilu minħabba d-danni li kkawżalu (u lill-ġirien tiegħu) r-rikorrent fl-andament tax-xogħolijiet.

36. Huwa komunament aċċettat li l-kostatazzjoni dwar jekk opra ġietx eżegwita skont l-arti u s-sengħa hija tipikament materja ta' indole teknika li tkun taqa' lil hemm mill-kwalifiki tal-Qorti. Għalhekk f'azzjoni miftuħa minn appaltatur għall-ħlas tax-xogħol mogħti minnu lill-appaltant/kommittent, huwa ferm komuni illi l-Qorti tilqa' t-talba għall-ħatra ta' perit jekk tkun ġie sollevata eċċezzjoni, bħala ma seħħ f'dan il-każ, li l-appalt ma jkunx ġie esegwit skont is-sengħa u l-arti.

37. Ġara li wara li l-Qorti laqgħet it-talba għall-ħatra tal-perit u l-partijiet bdew iressqu l-provi tagħhom, fil-bidu tal-istadju tal-provi tar-rikorrent, l-istess rikorrenti esebixxa mal-*affidavit* tiegħu ftehim li ġie ffirmat bejn il-partijiet fid-9 ta' Novembru 2017, kopja ta' liema ftehim ġiet esebita a fol 29. L-intimat innifsu kkonferma l-firma tiegħu fuq dan il-ftehim.

38. Dan il-ftehim qasir jaqra kif ġej:

> **"It is hereby today being agreed between Mr. Michael Bugeja and Mr. Paul Zahra that the outstanding amount owed by Mr. Michael Bugeja to Mr. Paul Zahra amount to €11,000 for services provided. The amount is to be repaid in full, even though extensive damage to third parties and Mr. Bugeja's property by Mr. Paul Zahra were done during the services, to Mr. Paul Zahra in regular instalments without interest. Mr. Paul Zahra is also being bound to produce any outstanding VAT receipts. A signed copy of this agreement letter is to be retained by both parties to keep track of repayment instalments."**

39. Bis-saħħa ta' dan il-ftehim datat 9 ta' Novembru 2017 il-partijiet qablu u ftehmu illi nonostante l-ħsarat "estensivi" li ġew ikkawżati mir-rikorrent matul ix-xogħolijiet tiegħu, l-intimat kellu jħallas lir-rikorrent l-ammont ta' € 11,000 f'pagamenti rateali regolari u mingħajr imgħax.

40. Il-liġi ċivili tagħna, bħal ma hu l-każ f'diversi sistemi kontinentali, għandha bħala wieħed mill-prinċipji fundamentali tagħha t-teorija tal-awtonomija tal-volonta' tal-partijiet li jidħlu għal kuntratt. F'dan ir-rigward l-ġurista Barry Nicholas jgħid is-segwenti f'*The French Law of Contract:*

> **"In the latter part of the last century and the first part of this the central theory on which the French law of contract rested was that of the autonomy of the will. Its significance lies at two levels. It is essentially a philosophical theory which purports to answer the pre-legal question why contracts are binding on those who make them. But it has consequences within the law in the way in which the principles governing the formation and effect of contracts are formulated. Echoing the philosophy of the eighteenth century, the starting-point of the theory is the freedom of the individual. This can be curtailed only by the individual's free will, either in the original social contract or, within society, by particular acts of that will. A contractual obligation can therefore derive only from the will of the person bound by it. Article 1134(1) of the Code civil is seen as embodying this approach: 'Agreements legally formed have the character of *loi* for those who have made them.' In other words, contracts are binding because they are an expression of the free will of the parties, who are lawgivers for themselves…**
>
> **… The theory of the autonomy of the will was reinforced both by the economic doctrine of *laissez-faire* and by the moral argument that the individual must be the best judge of his own interest and therefore that the outcome of the meeting of two wills must necessarily be a just balance of both interests. The theory was taken for granted as the foundation of contractual doctrine in all Civil law countries."**

Minn din id-duttrina joħroġ il-prinċipju fundamentali, kontenut fl-Art. 992 tal-Kap. 16 illi "**il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom**" u li "**dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi**".

Għalhekk sakemm ma jitqiesx illi jkun hemm xi nuqqas f'xi wieħed jew iktar mir-rekwiżiti essenzjali tal-kuntratti (kapaċità tal-partijiet, kunsens validu tagħhom, oġġett u kawża leċita) inkluż rekwiżiti fil-forma meħtieġa *ad validatem* (bħal ħtieġa li ċertu kuntratti jiġu mniżżla bil-miktub jew li saħansitra jiġu ppubblikati minn Nutar Pubbliku), il-Qorti għandha tagħti tqis bħala sagrosant dak li ftehmu fuqu l-partijiet u għandha tirrispetta l-vinkolu kuntrattwali. Fi kliem ieħor il-volonta' tal-partijiet kif espressa fil-kuntratt għandha tipprevali: *pacta sunt servanda*.

41. Sfieq ma dan il-prinċipju hemm dak illi li **<u>kontra l-miktub mhumiex ammissibbli provi mhux miktuba</u>**: "*contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non aufertur*"[96]. Dan il-prinċipju, bħal ħafna prinċipji oħra, jissokkombi għal numru ta' eċċezzjonijiet[97] bħal (i) meta l-kuntratt ikun *ivvizzjat minn frodi* jew altrimenti ikun

[96] **<u>Hazan v. Ebejer</u>** (Qorti tal-Kummerċ, 18/01/1892), **<u>Joseph Gatt v. Joseph Galea</u>** (Appell Ċivili, 14/04/1975), **<u>Dolores Mifsud v. Carmelo Rizzo</u>** (Appell Ċivili, 12/03/1984)
[97] **<u>Amante Caruana v. Saveria Bonnici</u>** (Ċit. Nru. 393/1983/2 PS, 31/01/2003)

*null għal xi raġuni valida fil-liġi*[98], (ii) meta l-kuntratt ikun *simulat*[99] (iii) meta s-sinjifikat tal-kitba jkun *ambigwu* jew il-kitba tkun tikkontjeni *partijiet kontradditorji*[100], (iv) meta jiġi ppruvat *patt inċidentali sekondarju* li jkun inkonciljabbli mal-iskritt[101], u (v) meta jkun hemm *ftehim verbali* li jammonta għal *kundizzjoni li subordinatement għaliha tkun saret il-konvenzjoni miktuba* u li minnha tkun tiddependi l-eżekuzzjoni ta' dik il-konvenzjoni[102].

42. Dan kollu qed jingħad mill-Qorti għal raġuni waħda: dak kollu li seta' seħħ fl-eżekuzzjoni tal-appalt li ppreċeda l-iskrittura tad-9 ta' Novembru 2017 huwa mmaterjali għall-eżekuzzjoni tal-obbligazzjonijiet li joħorġu mill-istess skrittura għaliex il-*causa obligationis* tal-appalt hija separata u awtonoma minn dik tal-ftehim sussegwenti bejn il-partijiet. Fi kliem ieħor m'huwiex leċitu għall-intimat illi jittanta joħroġ mill-obbligu tiegħu skont il-ftehim illi jħallas € 11,000 lir-rikorrent billi jallega illi l-appalt ma ġiex eżegwit skont is-sengħa u l-arti, kemm għaliex huwa meqjus illi l-partijiet ftehmu fuq din il-kwistjoni fil-ftehim sussegwenti tagħhom u kemm għaliex fi kwalunkwe każ l-appalt innifsu m'huwa xejn ħlief il-*causa* tal-ftehim u ma għandu x'jaqsam xejn mal-prestazzjoni tal-intimat skont l-istess ftehim.

43. Għar-raġunijiet fuq imsemmija, l-intimat jista' jittenta joħroġ biss mill-obbligi tiegħu ta' ħlas jekk jirnexxielu b'suċċess jattakka l-validita' tal-iskrittura (per eżempju billi jallega l-qerq jew frodi da parti tar-rikorrent, jew illi l-kunsens tiegħu kien ivvizjat bi żball) jew inkella *inter alia* billi jipprova illi nonostante illi kien sar tali ftehim, dan ġie sorvolat b'xi ftehim ieħor (verbali jew skritt). **<u>Minn dan kollu ma ħareġ xejn</u>** fl-atti tal-kawża u fis-sew l-intimat ma għamel l-ebda allegazzjoni illi l-ftehim tad-9 ta' Novembru 2017 ma kienx jiswa għal xi raġuni valida fil-liġi.

44. Dan kollu jfisser illi l-allegat nuqqasijiet li seħħew fl-eżekuzzjoni tal-appalt min-naħa tar-rikorrent huma rrilevanti għal din il-Qorti u daqstant ieħor kellhom jitqiesu irrilevanti fl-istadju tal-ġbir tal-provi quddiem il-perit. Għall-istess raġuni huma rrilevanti għall-Qorti l-kostatazzjonijiet tal-Perit maħtur minnha f'dan ir-rigward.

45. Il-Qorti hija għalhekk xi ftit perplessa illi kellu jkun proprju r-rikorrent illi jitlob il-ħatra ta' perit f'din il-kawża meta mill-bidu nett kien konsapevoli illi l-azzjoni tiegħu hija bbażata fuq l-iskrittura tad-9 ta' Novembru 2017 iktar milli fuq l-appalt li

[98] Kollez. Vol XVI pII p90, Kollez. Vol XXVII pI p725
[99] Kollez. Vol XXIX pII p1203, Kollez. Vol XXXII pI p138
[100] Kollez. Vol XXVI pI p414, Kollez. Vol XXXIII pI p542
[101] Kollez. Vol XXX pI p634, Kollez. Vol XXIII pI p870
[102] Kollez. Vol XLIV pI p267

ppreċedih. Għal raġunijiet ovvji l-Qorti sejra tieħu dan in-nuqqas in konsiderazzjoni fit-tqassim tal-ispejjeż ġudizzjarji.

46. Premess is-suespost huwa ċar illi t-tieni eċċezzjoni ma tistax tintlaqa u dan irrispettivament minn dak li sab il-perit ossia illi ma jirriżultalu minn imkien li r-rikorrent wettaq xi negliġenza jew kien qed jagħmel xogħol li mhux skont is-sengħa u l-arti.

**Kunsiderazzjoni: ħlas akkont**

47. Għar-raġunijiet fuq imsemmija l-Qorti tista' tqis biss illi l-ammont maqbul bejn il-partijiet bħalha li kellu jitħallas lir-rikorrent kien dak ta' € 11,000. Għalhekk kemm kien oriġinalment il-prezz maqbul bejn il-partijiet (għall-appalt) huwa rrilevanti għall-kunsiderazzjoni tal-Qorti. Daqstant ieħor huma rrilevanti kwalsiasi allegazzjonijiet jew prova ta' ħlasijiet li setgħu saru lir-rikorrent **qabel** id-data tal-iskrittura (9 ta' Novembru 2017) fosthom iċ-ċekkijiet li nħarġu mill-intimat lil ċertu Josef Borg (a fol 108-110) allegatament fuq struzzjonijiet tar-rikorrent, datati 12 ta' Marzu 2016.

48. Għalkemm inizjalment ir-rikorrent allega li tħallas biss b'tlett ċekkijiet bil-quddiem (fl-ammont ta' € 800 il-wieħed), mill-provi ħareġ ċar u dan ġie anke ammess mill-istess rikorrent illi huwa ngħata b'kollox **sitt** ċekkijiet ta' € 800 il-wieħed, ossia' l-ewwel tlett ċekkijiet datati 27/11/2017, 27/12/2017 u 27/01/2018 flimkien maċ-ċekkijiet datati 01/07/2018, 01/08/2018 u 01/09/2018[103].

49. Għalkemm dawn l-aħħar tlett ċekkijiet ma jirriżultax li ġew imniżżla fuq il-ftehim (a fol 29) bħala ħlasijiet li kienu saru (b'kuntrast mal-ewwel tlett ċekkijiet), madanakollu inġiebet prova illi dawn issarrfu u filfatt kif ingħad kien ir-rikorrent stess li ammetta li kien irċevihom. Fi kwalunkwe każ dan kien ċar mill-bidu nett tal-provi ġaladarba r-rikorrent talab il-ħlas ta' bilanċ (€ 6,200) li jippresuponi li saru ħlasijiet fl-ammont totali ta' € 4,800 (mill-ammont maqbul ta' € 11,000) u mhux fl-ammont ta' € 2,400 kif oriġinalment ġie allegat (f'liema każ ir-rikorrent kien jitlob il-bilanċ ta' € 8,600 mhux ta' € 6,200!).

50. Oltre dawn il-ħlasijiet però l-intimat jinsisti li ħallas ukoll lir-rikorrent is-somma ta' € 3,000 fi flus kontanti u għalhekk l-ammont li għandu jagħti lir-rikorrent *semmai*

[103] Fol 102-107

huwa dak ta' € 3,230[104]. In sostenn ta' din l-allegazzjoni huwa ppreżenta *statement* bankarju (a fol 114) li juri li fit-22 ta' Marzu 2019 huwa ġibed l-ammont ta' € 3,000 mill-kont tiegħu. Ir-rikorrent min-naħa tiegħu ċaħad li qatt kien tħallas dan l-ammont.

51. Kif ġie ritenut diversi drabi fil-ġurisprudenza inkluż fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet: **<u>Gaetana Mamo v. Therese sive Tessie Mercieca et.</u>** (Ċit Nru. 1547/1997/1 PS, 26/10/2005):

> "in bazi ghad-dritt probatorju, kull parti ghandha f'kaz bhal dan id-dmir li taghti prova ta' l-ezistenza tal-fatt allegat, favorevoli ghat-tezi taghha. L-oneru hu distribwit b'mod li l-attrici trid tipprova l-fatti kostituttivi tad-dritt azzjonat minnha ("*actori incumbit probatio*") mentri l-konvenuti huma tenuti jipprovaw il-fatt minnhom allegat kostitwenti l-kontroprova offerta biex tikkuntrasta il-pretiza ta' l-attrici ("*reus in excipiendo fit actor*"). Ara **Kollez. Vol. XLVI P I p 5**. Naturalment, il-piz probatorju tal-konvenuti jinsorgi konkretament fil-kaz biss li l-attrici tkun ressqet prova tal-fatti posti bhala bazi tad-domanda taghha. Dan ghaliex in-nuqqas jew insufficjenza tal-prova tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenuti biex tikkonfuta l-pretensjoni ta' l-attrici ma jiddispensax lil din mill-oneru li tiddemostra adegwatament il-legittimita u l-fondatezza tal-meritu tat-talba taghha".

52. L-eċċezzjoni ta' ħlas parzjali magħmulha mill-intimat hija għalhekk eċċezzjoni li jeħtieġ li tiġi ppruvata biss mill-istess intimat u ċertament mhuwiex kompitu tar-rikorrent li jipprova li huwa ma tħallasx l-ammont imsemmi ta' € 3,000 mill-intimat. F'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **<u>Mercury Investments Limited v. Roberta Grech</u>** (PA, Rik Nru 349/2007 JRM, 21/04/2016) fejn ingħad is-segwenti:

> "Illi tajjeb li wiehed izomm ukoll quddiem ghajnejh li d-difiza tal-imharrka f'din il-kawza tissejjes fuq l-eccezzjoni tal-hlas imwettaq ("exceptio soluti"); Illi huwa maghruf li eccezzjoni bhal din hija wahda mit-toroq li bihom id-debitur ta' obbligazzjoni jista' jaghzel biex jehles minn talba tal-kreditur tieghu ghall-hlas ta' obbligazzjoni. Fiha nfisha, dik l-eccezzjoni timplika s-siwi tal-obbligazzjoni (art. 1147(1) tal-Kap. 16) u t-twettiq taghha minna tad-debitur (art. 1146 tal-Kap. 16). Billi l-hlas huwa wiehed mill-modi maghrufa mil-ligi (art. 1145(a) tal-Kap. 16) kif jintemmu l-obbligazzjonijiet, l-eccezzjoni tal-hlas, jekk tirnexxi, ggib maghha c-cahda tal-pretensjoni tal-kreditur li jibqa' jinsisti ghall-hlas (jigifieri ttwettiq tal-obbligazzjoni). Minhabba f'hekk ukoll – apparti mill-applikazzjoni tal-massima procedurali li min jallega jrid jipprova – meta d-debitur jallega l-hlas, jaqa' fuqu d-dmir li jissoddisfa lill-Qorti li dan kien tassew il-kaz, u ma jkunx l-

[104] Il-Qorti tassumi li dan l-ammont ġie mniżżel bi żball mill-intimat u li l-bilanċ li jippretendi li huwa dovut *semmai* huwa dak ta' € 6,200 - € 3,000 = € 3,200.

obbligu tal-kreditur li jipprova l-kuntrarju. Biex tali eccezzjoni tilhaq l-ghan taghha, jehtieg ukoll li jintwera li l-hlas ikun sar lil persuna li tassew kienet awtorizzata bil-ligi li tircevih[105] ; Illi meta d-debitur jallega l-hlas, jaqa' fuqu d-dmir li jissoddisfa lill-Qorti li dan kien tassew il-kaz, u ma jkunx l-obbligu tal-kreditur li jipprova l-kuntrarju. Ir-ricevuta hija l-aqwa prova tal-hlas, u fin-nuqqas ta' prova bhal din titnissel il-prezunzjoni li l-hlas ma jkunx tassew sehh. Jezistu modi ohrajn, madankollu, kif jista' jintwera bi prova ohra xierqa li l-kreditu tal-kreditur ikun thallas[106]"

53. Huwa ċar mill-atti proċesswali illi l-intimat naqas milli jipprova l-pretiża tiegħu ta' ħlas b'mod sodisfaċenti. L-ammont ta' tlett elef euro seta' nġibed minnu għal mitt elf raġunijiet oħra li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-ammont dovut lir-rikorrent. Ma ġiet esebita l-ebda riċevuta f'dan ir-rigward u kien jinkombi fuq l-intimat illi jinsisti mar-rikorrent illi jtih riċevuta (kif filfatt kien għamel fil-passat għall-ammonti li kien ħallsu fi flus kontanti, missier l-intimat) jekk verament ħallsu bi flus kontanti. Lanqas ma seħħlu jipprova l-ħlas b'xi metodi oħra, bħal pereżempju bil-mezz ta' xi xhieda li setgħu kienu preżenti fil-mument tal-ħlas.

54. Għalhekk anke l-ewwel eċċezzjoni sejra tiġi respinta mill-Qorti li sejra tqis illi l-ammont ta' € 6,200 mitlub mir-rikorrent huwa filfatt dovut *in toto* mill-intimat.

**Kunsiderazzjoni: il-ħlas tal-ispejjeż ġudizzjarji**

55. Fit-tielet u r-raba eċċezzjonijiet tiegħu l-intimat isostni illi r-rikorrent għandu ibati l-ispejjeż ġudizzjarji kollha hu peress illi (i) huwa qatt ma rrifjuta li jħallas il-bilanċ dovut lir-rikorrent, (ii) l-azzjoni ġiet intavolata b'mod intempestiv u mingħajr l-"*interpellazzjoni preventiva meħtieġa".*

56. Jekk bil-kliem "*interpellazzjoni preventiva meħtieġa*" l-intimat kien qed jirreferi għal att ġudizzjarju, jingħad illi mill-atti ma jirriżultax illi kien xi interpellanza b'att ġudizzjarju mir-rikorrent qabel il-ftuħ tal-proċedura.

Madanakollu l-liġi ma teħtieġx li jkun hemm din is-sejħa ħlief fil-każ ta' kawżi kontra l-gvern u xi awtoritajiet pubbliċi oħra u għalhekk m'huwiex il-każ illi għal dik ir-raġuni biss l-azzjoni tar-rikorrent hija intempestiva. Il-fatt li ma tkunx saret interpellanza għall-ħlas għandu jittieħed in konsiderazzjoni biss fir-rigward ta kif l-ispejjeż tal-kawża għandhom jiġu spartati u dan **meta l-eċċipjenti jammetti t-**

[105] PA 14/03/1957 fil-kawża fl-ismijiet **Zammit v. Montanaro Gauci noe et** (Kollez. Vol: XLI.ii.930).
[106] PA 23/02/1965 fil-kawża fl-ismijiet **Darmanin v. Muscat** (Kollez. Vol: XLIX.ii.776) u App. Civ. 5.10.1998 fil-kawża fl-ismijiet **Chetcuti et v. Pearson et noe** (Kollez. Vol: LXXXII.ii.317 a fol. 322 - 3).

**talbiet u mhux meta, bħal f'dan il-każ, huwaa jikkuntestahom** (għaliex skont hu għandu jħallas inqas).

57. Fuq dan il-punt, fis-sentenza fl-ismijiet: **Atlas Insurance Agency Limited v. Sea Malta Company Ltd. et.** (PA, Ċit Nru 1263/2000/1 GCD, 29/10/2002) ingħad illi:

> "L-aħħar eċċezzjoni hija dwar l-ispejjeż tal-kawża għax The Cargo Handling Company Limited qiegħda tgħid illi ma saritilha ebda sejħa għall-ħlas qabel ma nfetħet il-kawża. Din l-eċċezzjoni kien ikollha meritu li kieku l-eċċipjenti kienet ammettiet it-talbiet, u għalhekk il-kawża tkun saret għalxejn għax kienet tammetti qabel li kieku qabel il-kawża saritilha talba għall-ħlas. Ladarba iżda saret kontestazzjoni, is-sejħa għall-ħlas qabel il-kawża kienet xorta tkun saret għalxejn, u għalhekk l-eċċezzjoni dwar l-ispejjeż hija miċħuda"

58. Għalhekk anke t-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet sejrin jiġu respinti mill-Qorti.

59. Madanakollu għar-raġunijiet diġà mfissra aktar 'l fuq f'din is-sentenza l-Qorti sejra takkolji **nofs** l-ispejjeż relatati mal-ħatra tal-perit, lir-rikorrent, u dan għaliex kien hu illi talab inutilment il-ħatra tiegħu.

**Deċiżjoni**

60. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddisponi minn din il-kawża billi tilqà t-talba tar-rikorrent b'dan illi tikkundanna lill-intimat sabiex iħallsu s-somma ta' sitt elef u mitejn euro (€6,200) inkluż il-VAT bl-imgħax legali kif mitlub. L-ispejjeż kollha jkunu a kariku tal-intimat ħlief dawk in konnessjoni mal-ħatra tal-perit li għandhom jitħallsu nofs bin-nofs.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep Reġistratur |